



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14315/22


LIMITE

**ECOFIN 1124
RELEX 1462
NIS 26
FIN 1179
COEST 799**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/ Kunsill
Suġġett:	Noti ta' Analiżi mill-Presidenza - Konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna: Kopertura tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna fl-2023

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża n-Nota ta' Analiżi mill-Presidenza dwar il-kopertura tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna fl-2023 bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN fit-8 ta' Novembru 2022.



EU2022.CZ

ECOFIN, 8 ta' Novembru 2022

Noti ta' Analiżi mill-Presidenza

Konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna: Kopertura tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna fl-2023

Bħala riżultat tal-gwerra, l-Ukrajna kellha ħtiġijiet sinifikanti ta' finanzjament din is-sena u l-ħtiġijiet tagħha ser ikunu sostanzjali wkoll fl-2023. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa, l-UE u l-Istati Membri tagħha pprovdew lill-Ukrajna b'appoġġ finanzjarju u mhux finanzjarju sinifikanti fuq bażi ad hoc. F'Ġunju, il-mexxejja tagħna impenjaw ruħhom li jipprovdu għajnuna makrofinanzjarja lill-Ukrajna sa EUR 9 biljun. Madankollu, madwar EUR 6 biljun biss ser jiġu żborżati qabel tmiem din is-sena.

Id-diskrepanza fil-finanzjament għall-2023 hija stmata mill-FMI għal USD 38-40 biljun. Fil-livell tal-UE, l-assistenza finanzjarja ta' EUR 18 biljun hija meqjusa bħala appoġġ adegwat fl-2023. L-Ukrajna diġà indikat li ser ikollha bżonn assistenza finanzjarja sostanzjali fil-bidu nett tas-sena d-dieħla. Għalhekk, l-ewwel żborż għandu jsir diġà f'Jannar.

F'dawn l-aħħar ġimagħtejn l-Istati Membri ddiskutew l-għażliet possibbli fil-livell tal-Viċi Ministri tal-Finanzi u sabu triq ċara 'il quddiem. Il-qafas il-ġdid hu mistenni jipprovdi self garantit mill-marġni ta' manuvra tal-baġit tal-UE b'maturazzjoni fit-tul u perjodi ta' grazzja, iffinanzjati permezz ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata. Din is-soluzzjoni tipprovdi qafas prevedibbli u flessibbli li jippermetti lill-Kummissjoni timmobilizza r-riżorsi permezz tal-ħruġ ta' bonds fi ħdan il-limiti baġitarji miftiehma.

F'dan l-isfond, il-Presidenza tistieden lill-ministri biex jaqblu fil-prinċipju dwar it-triq 'il quddiem bl-għan li jiġi adottat qafas ta' finanzjament prevedibbli u flessibbli biex ikopri parti mill-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna fl-2023 u biex jippermetti l-ewwel żborż f'Jannar 2023.

Mistoqsijiet għad-diskussjoni

- *Taqbel li fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Ukrajna jeħtieġ li naġixxu bl-akbar urġenza?*
- *Taqbel li sabiex jitlestew il-proċeduri leġiżlattivi kollha meħtieġa fil-ħin taħt il-Preżidenza Ċeka u biex ikun jista' jsir l-ewwel żborż f'Jannar 2023, neħtieġu l-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun, idealment mhux aktar tard mid-9 ta' Novembru 2022?*